**Laqgha Numru 12/K7/2013**

**Introduzzjoni**

It-Tnax-il Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillieri Evelyn Vella Brincat ***(li telqet fit-8.20pm)***, Mark Causon u Charles Cesare ***(li wasal fis-6.35pm)*** flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-14 ta' Ottubru 2013. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 11/K7/2013.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 11/K7/2013.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Rapport Finanzjarju Qtr 3 – Lulju sa Settembru 2013.**
10. **Kwotazzjoni 17/2013 - Local Council Meetings Online Streaming.**
11. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
12. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K7/2013.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 11/K7/2013 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 11/K7/2013.

2.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 079/2013** - Laqgha għall-NGO's **(Ara Dok. A); Memo 080/2013** - Laqgha dwar l-attivita' MOVE **(Ara Dok. B); Memo 081/2013** - Laqgha ma' Pembroke Athleta **(Ara Dok. C); Memo 082/2013** - Laqgha mar-residenti ta' St. Patricks **(Ara Dok. D); Memo 083/2013** - Laqgha mar-residenti ta' St. Andrews **(Ara Dok. E); Memo 084/2013** - Laqgha mar-residenti ta' San Gorg **(Ara Dok. F); Memo 085/2013** - Laqgha mar-residenti ta' St. Andrews u Juno **(Ara Dok. G); Memo 086/2013** - Laqgha mar-residenti dwar il-progett ta' Villa Rosa **(Ara Dok. H); Memo 087/2013** - Laqgha ma' Pembroke MUSEUM **(Ara Dok. I); Memo 088/2013** - Attivita' MOVE Week **(Ara Dok. J)**; **Memo 089/2013 -** Laqgha ma’ Ramblers Association **(Ara Dok. K); Memo 090/2013 -** Lista ta’ laqghat li saru 11/K7/13 u 12/K7/13 **(Ara Dok. L) u Memo 091/2013 -** Lista t’ilmenti **(Ara Dok. M)**

3.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel referenza ghall-Internal Memo 075/2013 li kienet dwar lista ta’ kuntratti li ghandu l-Kunsill, u li kienet prezentata fil-laqgha precedenti, fejn talab gwida minghand il-Kunsill dwar x’ser jigri.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03/2010 | Maintenance of Road Markings | Koptasin – MSD | 01/12/2010 | - | 30/11/2013 | Price List |
| | ***2010 up to 3 years - the Council has the right to extend yearly up to Nov 2013*** | | | | | |
| | Insurance Policy | Aon Malta Limited | 01/01/2013 | - | 31/12/2013 | € 1,925.14 |
| | Librarian | Ms. Lara Calleja | 18/11/2010 | - | 31/12/2013 | € 5.73 |
| 11/2011 | Contracts Manager | Raphael Carabott | 01/01/2012 | - | 31/12/2013 | 4.5% |
| | ***2012 up to 3 years - the Council has the right to extend yearly up to Dec 2014*** | | | | | |
| 09/2011 | Maintenance of Traffic Signs | Koptasin - MSD | 01/01/2012 | - | 31/12/2013 | Price List |
| | ***2012 up to 3 years - the Council has the right to extend yearly up to Dec 2014*** | | | | | |
| 01/2012 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | Carmel Mifsud | 12/11/2012 | - | 11/11/2013 | € 15,510.00 |
| | ***2012 up to 3 years - the Council has the right to extend yearly up to Nov 2015*** | | | | | |
| 06/2011 | Maintenance Construction & Reconstruction of Pavements | J & Kunsill Construction | 01/01/2012 | - | 31/12/2013 | Price List |
| | ***2012 up to 3 years - the Council has the right to extend yearly up to Dec 2014*** | | | | | |
| 07/2011 | Maintenance Construction & Reconstruction of Roads | Ells Urban Services | 01/01/2012 | - | 31/12/2013 | Price List |
| | ***2012 up to 3 years - the Council has the right to extend yearly up to Dec 2014*** | | | | | |

3.03. Is-Sindku Dean Hili ppropona li **Tender 03/2010 for the Upkeep & Maintenance of Road Markings**, ghandu jerga’ jinhareg bil-mizata ghal kull offerta tkun ta’ €50.00.

3.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06. Is-Sindku Dean Hili ppropona li dwar **Insurance Policy**, ghandhom jingabru tenders godda bil-mizata ghal kull offerta tkun ta’ €50.00.

3.07. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

3.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.09. Is-Sindku Dean Hili ppropona li s-servizz tal-**Librara** ghandu jiggedded ghall-perjodu ta’ sena ohra.

3.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12. Is-Sindku Dean Hili ppropona li dwar **Tender 11/2011 for Professional Services of Contracts Manager**, ghandu jerga' jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

3.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.15. Is-Sindku Dean Hili ppropona li dwar **Tender 09/2011 for Upkeep & Maintenance of Traffic Signs; Tender 01/2012 for Upkeep Maintenance of Parks Gardens; Tender 06/2011 for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads and Pavements,** and **Tender 07/2011 for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads,** dawn ghandom jigu mgedda bil-perjodu ta' sena ohra.

3.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.18. B'referenza ghall-**Memo 082/2013** (Laqgħa mar-residenti ta' St. Patricks), is-Sindku Dean Hili rrakkomanda lill-Kunsill biex issir applikazzjoni ghall-lampi li hemm bzonn.

3.19. Wara diskussjoni, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-Korporazzjoni Enemalta biex titwahhal lampa fil-gemb ta' Blokk 1, lampa wara Blokk 8 u 2 ohra mal-fence ta' l-iskola Sekondarja Pembroke fejn hemm il-parkegg ta' Gnien San Patrizju.

3.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.22. B'referenza ghall-**Memo 085/2013** (Laqgħa mar-residenti ta' St. Andrews u Juno), is-Sindku Dean Hili ppropona li (1) Il-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex issir road hump kif tohrog minn St. Andrews House qabel tasal ghal Triq Juno; (2) Il-Perit jaghmel stima ta' kemm tiswa biex issir bankina gdida tul Triq Mandalay; (3) Tigi rrangata l-kantuniera ta' Triq Mandalay ma' Triq Juno fejn hemm l-iskip u (4) Jigu rrangati l-lampi li hemm ma' St. Andrews House u li qed iteptpu.

3.23. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

3.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-19 ta' Settembru 2013 u 22 ta' Ottubru u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/5093/13/I** 19/09/2013 Email mill-Kumitat Olimpiku Malti fejn informa lill-Kunsill li d-data ta' l-gheluq ghan-nominazzjonijiet ghall-KOM Local Council Sports Awards hija nhar il-Hamis 31 ta' Ottubru 2013.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5093/13/I** is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jippartecipa f'dawn l-Awards.

6.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5146/13/I** 20/09/2013 Stedina minghand il-MEPA ghal-laqgha li ser ssir il-Hamis 10 ta' Ottubru fis-2.00pm dwar id-determinazzjoni ta' l-applikazzjoni PA559/13 ta' l-izvilupp propost minn Pembroke Rackets Tennis Club.

**46/5674/13/I** 15/10/2013 Email minghand is-Segretarju Ezekuttiv rigward artiklu li deher fuq il-Malta Independent dwar l-izvilupp ta' tennis courts.

6.05. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/5146/13/I u 46/5674/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirriafferma l-pozizzjoni tieghu pubblikament li l-Vici Sindku Raymond Lanzon kien prezenti fil-kapacita` tieghu bhala membru tal-Kunsill, u kien il-Kunsill li oggezzjona f'isem ir-residenti, u mhux kif gie rrapurtat fil-gurnali li s-sur Lanzon kien l-unika 'objector'. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill ghandu jesplora l-ghazliet legali tieghu fid-dawl ta' dak li johrog mill-board meeting u ghalhekk ghandu javvicina lill-Avv. Noel Camilleri ghall-pariri u s-servizzi tieghu fuq dan il-kaz, dejjem jekk huwa jaccetta.

6.06. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5186/13/I** 23/09/2013 Email minghand il-Kunsillier Mark Causon fejn staqsa meta ser jitwahhlu l-bins tal-klieb li ordna l-Kunsill flimkien ma' l-istickers biex jehlu ma' l-arbli tad-dawl.

6.08. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5186/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-bins ghandhom jehlu fil-jiem li gejja. Il-kelliem irrakkomanda li dawn l-istickers ghandhom jitwahhlu minn xi haddiem li jista' jkollu l-Kunsill mill-ETC.

***6.09. Il-Kunsillier Charles Cesare wasal fis-6.35pm, wara li skuza ruhu li wasal tard.***

**46/5187/13/I** 23/09/2013 Email minghand is-sur Mario Grech Mallia fejn b'referenza ghall-email precedenti tieghu dwar sigar li hemm josporgu f'St. Andrews Road informa lill-Kunsill li l-Contracts Manager missu ha r-ritratti minnaha ta' seat ta' driver.

6.10. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5187/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-kuntrattur ghandu jnaddaf il-post aktar frekwenti.

6.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5223/13/O** Email li ntbghatet lill-Membri tal-Kunsill fejn gew infurmata li fi zmien il-

24/09/2013 Kunsill precendenti, l-kumpanija Blues kienet talbet lill-Kunsill biex tinstalla locality map faccata ta' l-ITS u l-Kunsill kien talab lill-istess kumpanija biex issir wahda ta' Pembroke u staqsejna lill-Kunsilliera jekk jaqblux l'issir u l-post fejn jissugerixxu.

6.13. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5223/13/O** is-Sindku Dean Hili ippropona li jekk huwa possibbli l-Kunsill ghandu jitlob lill-kumpanija Blues li ghas-spejjez taghha tipprovdi u tinstalla 2 tabelli simili u li wahda ghandha titwahhal quddiem il-Kunsill u l-ohra fl-akwati ta' faccata tal-Knisja.

6.14. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5304/13/O** 26/09/2013 Email li nbghatet lill-Membri tal-Kunsill b'ritratt anness fejn b'referenza ghall-ilment tas-Sur Reno Maurin li ghamel waqt l-ahhar laqgha tal-Kunsill dwar sigra li hemm biswit il-propjeta' tieghu f'Misrah il-Fortizza.

6.16. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5304/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li s-sur Maurin ghandu jigi nfurmat li, fuq kaz simili fi Triq Malfeggiani, il-Kunsill huwa mgharraf mill-MEPA li ma jista' jsir l-ebda tip ta' zbir jew qtugh fuq sigar li jkunu protetti.

6.17. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5332/13/I** 27/09/2013 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li regghu rcievew ilment dwar l-iskip ta' Triq l-Imhallef William Harding u talbu l-kummenti tal-Kunsill u sabiex nzommuhom nfurmati bl-azzjoni li ser tittiehed.

**46/5488/13/I** 07/10/2013 Email minghand il-Monitoring DGL fejn b'referenza ghall-iskip ta' Triq l-Imhallef William Harding informaw lill-Kunsill li r-residenta li ghamlet l-ilment ghada mhiex kuntenta bis-sitwazzjoni u talbet biex ticcaqlaq ghal Triq Burma.

**46/5646/13/I** 14/10/2013 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'referenza ghall-kaz numru 448/13 dwar l-iskip fi Triq l-Imhallef William Harding, informat lill-Kunsill li l-importanti hu li qed jigu osservata l-ligijiet sanitarja.

6.19. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5332/13/I, 46/5488/13/I u 46/5646/13/I i**l-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li, wara li din l-iskip iccaqalqet irrizulta li din mhux qed tintuza sewwa apparti l-fatt li r-residenti baqghu jiddepozitaw l-iskart fl-istess post fejn kien hemm l-iskip, din ghandha terga' titpogga fejn kienet. Il-kelliem irrimarka li dan qed isir wara li l-Kunsill ircieva numru t'ilmenti.

6.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5348/13/I** 28/09/2013 Email minghand il-Kullegg Santa Klara dwar l-istat ta' Triq Martin Luther King minhabba li hija kollha hofor, haxix hazin u hemm il-bankini mkissra.

**46/5750/13/I** 18/10/2013 Email minghand is-sur Joseph Bonello jilmenta dwar l-istat tat-triq fl-akwati ta' l-ITS kif ukoll li t-triq hija minghajr dawl u qed jitlob li jsir xi haga minnaha tal-Kunsill.

6.22. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/5348/13/I u 46/5750/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-Gvern Centrali sabiex jintervjeni biex jinghata wicc lil din it-triq minhabba li l-Kunsill m’ghandux fondi bizzejjed ghaliha apparti l-fatt li l-ewwel preferenza hija li jsiru t-toroq residenzjali, fosthom Triq G. Henin.

6.23. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5361/13/I** 30/09/2013 Email minghand il-Familja Buttgieg fejn informaw lill-Kunsill li d-dawl tal-komun fl-akwata ta' Sit B qed jixghel fit-8.00pm, talbu sabiex jinzabru s-sigar li kibru u li qed jostakolaw l-bankina u kif ukoll jinzabru s-shrubs li hemm fi Triq il-gdida fejn ir-roundabout ta' Triq Pietru D'Armenia. Ilmentaw li bejn ir-roundabout u l-By Pass it-triq hija mudlama.

6.25. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5361/13/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li x-xoghol imsemmi issa sar u jonqos biss tinstab soluzzjoni ghan-nuqqas ta’ dawl. Il-kelliem irrakkomanda l’issir lampa ma’ wiehed mill-arbli li hemm fl-akwata.

6.26. Wara diskussjoni, l-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob il-permess tal-Korporazzjoni Enemalta biex tehel lampa fuq pole li hemm fit-tarf ta’ Triq Emanuel Decelis.

6.27. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5365/13/I** 30/09/2013 Ittra minghand Lara Calleja fejn staqsiet lill-Kunsill jekk huwiex interessat li jixtri l-ewwel sett ta’ kotba ghall-prezz ta' €100. (The Cultural Legacy of Malta and Gozo) Kull sett fih 5 kotba u jiswa €100.00, hemm 4 settijiet bi spiza globali ta’ €400.00.

6.29. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5365/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ma jarax li f’dan l-istadju l-Kunsill ghandu jaghmel dan l-investiment.

6.30. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5367/13/O** 30/09/2013 Email li l-Kunsill baghat lill-Perit Kevin Fsadni dwar id-diversi punti li ghadhom pendenti.

**46/5391/13/I** 01/10/2013 Diversi risposti minghand il-Perit Kevin Fsadni ghall-emails tal-Kunsill.

6.32. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/5367/13/O u 46/5391/13/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill ghandu, kif ilu jaghmel, ikompli jesigi mal-Perit li jitlesta x-xoghol kollu fuq l-applikazzjonijiet u d-dettalji li ghad hemm pendenti. Il-kelliem irrimarka wkoll li jehtieg li jinbeda x-xoghol fuq il-gonna matul ix-xhur li gejjien.

6.33. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Perit kien infurmah li fuq il-gonna qed isib problema minhabba li l-Kunsill mhux ser jaghmel ir-railing u dan skond il-Perit huwa wiehed mill-items li hemm bzonn li jsir biex il-gnien ikun safe.

6.34. Wara diskussjoni, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Perit sabiex jigu diskussa l-affarijiet pendenti li hemm.

6.35. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5374/13/I** 30/09/2013 — Email minghand l-MCCAA fejn baghat kopja tar-rapporti li sar fuq it-tlett playgrounds li hawn fil-lokal ta' Pembroke.

6.37. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5374/13/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill ircieva rapporti xejn sbieh, ghalkemm stqarr li sfortunatament ma jista' jsir xejn dwaru qabel ma l-Kunsill jinghata l-fondi tal-UIF.

***6.38. Fis-7.30pm il-Kunsillier Mark Causon iddikjara li kellu nteress fl-item li kien imiss, talab li jkun skuzat u halla l-kamra.***

**46/5387/13/I** 01/10/2013 — Email minghand Sylvana Bartolo fejn b'referenza ghall-ilment li rcieva l-Kunsill dwar is-sigra li ghandha fil-parapett taghha, baghtet kopja ta' l-ittra li rceviet minghand il-MEPA fejn infurmawha li la tista' taqla u lanqas tizbor din is-sigra minhabba li hija protetta

**46/5448/13/O** 03/10/2013 — Email lill-Membri tal-Kunsill fejn b'referenza ghall-email ta' Sylvana Bartolo dwar s-sigra quddiem il-lampa fi Triq Giuseppe Malfeggiani ntalbu l-kummenti tal-Kunsilliera dwar jekk jaqblux li jintalab il-permess ta' l-Enemalta biex tinqala' l-bozza u titwahhal man-naha l-ohra ta' triq.

6.39. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/5387/13/I u 46/5448/13/O** is-Sindku Dean Hili rrimarka li saru telefonati u l-Kunsill ircieva korrispondenza mid-dipartiment ikkoncernat, u ghalhekk ippropona li dan il-kaz ghandu jinghalaq wara li jigi nfurmat ir-resident koncernat li ma jista` jsir l-ebda zbir fuq is-sigra msemmija. Wara diskussjoni l-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-Korporazzjoni Enemalta biex il-lampa tinqala' minn fejn tinsab u tehel in-naha l-ohra tat-triq.

6.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

***6.42. Fis-7.32pm, il-Kunsillier Mark Causon rega' dahal ghal-laqgha.***

**46/5400/13/I** 01/10/2013 — Email fejn staqsew jekk il-Kunsill huwiex nteressat li jsir partnership mal-Provincja ta' Terni fi progett Fund for the Integration of Third Country Nationals.

6.43. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5400/13/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li huwa jemmen li l-Kunsill, fil-prezent u fix-xhur li gejjien ghandu mpenji ohra ippjanata u ghalhekk ippropona li l-Kunsill m'ghandux jidhol ghal dan il-progett.

6.44. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5407/13/I** 02/10/2013 — Email minghand il-WasteServ fejn qed iheggu lill-Kunsill sabiex jippartecipa fil-European Week for Waste Reduction bejn is-16 u l-24 ta' Novembru 2013.

6.46. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5407/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ssir attivita' ma' GreenPak fejn issir tahdida fuq Waste Reduction u jingabru zraben u hwejjeg uzata.

6.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5449/13/I** 03/10/2013 — Email minghand il-Contracts Manager fejn b'referenza ghall-iskips li nharqu fi Triq il-Mediterran, nforma lill-Kunsill li huwa tkellem mal-kuntrattur u dan informah li mhux ser ipoggi skips ohra u huwa talbu

jibghat avviz formali lill-Kunsill.

**46/5480/13/O** 07/10/2013 — Email lill-Membri tal-Kunsill fejn b'referenza ghall-approvazzjoni tal-kont tal-kuntrattur Philip Seguna mill-CM, gew infurmata li fil-lejl tal-Hamis 26 ta' Settembru inharqu zewg skips fi Triq il-Mediterran u sallum ghadhom nieqsa.

**46/5487/13/O** 07/10/2013 — Emaill lill-Contracts Manager fejn b'referenza ghall-approvazzjoni tal-kont tal-kuntrattur Philip Seguna nfurmajnih li fir-rapport m'hemm imkien imnizzel il-hruq ta' zewg skips u tlabna biex jara li fil-lokal ikun hawn l-ammont ta' skips li hemm stipulat fil-kuntratt inkluz it-tnejn zejda li talab il-Kunsill.

**46/5511/13/O** 08/10/2013 — Email li ntbaghtet lill-Membri tal-Kunsill fejn gew infurmata li l-kuntrattur Philip Seguna jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill dwar il-problema ta' l-iskips u ntalbu jindikaw data u hin.

6.49. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/5449/13/I, 46/5480/13/O, 46/5487/13O u 46/5511/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandha tigi ffisata data ghal din il-laqgha li bl-ebda mod m'ghandha timpingi fuq l-obbligu li l-Kunsill ghandu li jnaqqas mit-total li ghandu jithallas il-kuntrattur. Il-kelliem qal li l-iskips mahruqa ghadhom sa llum nieqsa mill-lokal u hlas ghalihom qatt ma jista` jkun gustifikat, kif ukoll li l-kuntrattur ghandu jigi nformat li ghal kull gimgha li tghaddi minn wara l-laqgha ta' llum li l-Kunsill jibqa` minghajr in-numru ta' skips stipulati fil-kuntratt, ser jinhargu default notices opportuni. Ghalhekk il-kelliem ippropona li mill-kont ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €30.96. (Kont ghal kull skip huwa ta' €118.00/xahar ie. 118*12months/365days = €3.87 kulljum : 4 granet * 2skips * €3.87 = €30.96)

6.50. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.52. Is-Sindku Dean Hili ppropona li tigi sospiza l-agenda biex items 9, 10 u 11 jigu diskussa qabel il-kumplament tal-korrispondenza.

6.53. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Rapport Finanzjarju Qtr 3 – Lulju sa Settembru 2013.

9.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta r-rapport finanzjarju ghall-perjodu Lulju sa Settembru 2013. **(Ara Dok. N)** Il-kelliem informa lill-Kunsill li peress li l-Accountant kienet indisposta, huwa kien qed jipproponi li d-dokument jigi approvat kif ipprezentat minhabba skadenzi skond l-Att kif ukoll li l-Accountant tkun prezenti fil-laqgha li jmiss halli taghti l-ispjega taghha.

9.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Kwotazzjoni 17/2013 - Local Council Meetings Online Streaming.

10.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

10.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***10.04. Il-laqgha giet sospiza fit-8.00pm.***

***10.05. Il-laqgha tkompliet fit-8.10pm.***

10.06. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li l-offerta **17/2013 – Local Council Meetings Online Streaming** ghandha tinghata lill-kumpanija **AID** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

10.07. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. O, P, Q u R)**

11.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet kollha kif ipprezentata, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata ghajr tas-sur Philip Seguna fejn qed ikun propost li ghandu jitnaqqas l-ammont dovut ghall-granet ta' meta kien hemm 2 skips nieqsa kif approvat aktar kmieni fil-laqgha.

11.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.05. Is-Sindku Dean Hili ppropona li d-dhul mill-progetti ta' l-EU ghandu jintuza biex jithallas il-Loan tal-Progetti, jekk ikun hemm surplus ghandu jithallas il-Loan li sar biex sar l-Upgrading tal-Kunsill u jekk ikun ghad fadal, kull surplus iehor ghandu jithalla ghall-uzu ta' progetti tal-Kunsill.

11.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

***11.08. Fit-8.20pm, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi skuzata u halliet il-kamra.***

## 06. Korrispondenza.

**46/5420/13/I**
02/10/2013
Email minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn informaw lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill ghal dawl gdid fi Triq Martin Luther King gie approvat u talbu sabiex nibghatu l-formola STL.

**46/5457/13/I**
04/10/2013
Email minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn infurmaw lill-Kunsill li t-talba ghal 2 bozoz godda fi Triq Tunis giet meqjusa gustifikata u talbu nimlew il-formola STL.

**46/5458/13/I**
04/10/2013
Email minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn infurmaw lill-Kunsill li t-talba ghal caqlieq ta' 2 bozoz fi Triq Tunis giet meqjusa gustifikata u talbu nimlew il-formola STL.

6.55. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/5420/13/I, 46/5457/13/I u 46/5458/13/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li huwa mpossibbli ghal Kunsill li jidhol ghall-ispiza ta'

madwar Triq Martin Luther King. Dwar Triq Tunis il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Kunsill qed jistenna pjanti emendati ta' fejn approvaw il-lampi. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li appena l-Kunsill jircievi l-pjanti, l-Kunsill ghandu jitlob stima lill-kuntrattur.

6.56. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5431/13/I** 03/10/2013 Kwotazzjoni minghand il-J&K Contractors ta' €1,299.50 ghal bini ta' hitan biswit Blk 1 fi Triq San Patrizju.

6.58. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5431/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li jigi ordnat dan ix-xoghol.

6.59. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5465/13/I** 04/10/2013 Kwotazzjoni minghand Green Skip Group ghal picwick bins ghall-prezz ta' €179 + VAT inkluz it-twahhil il-wiehed.

6.61. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5465/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jordna zewg bins ohra u jigu nstallata tnejn fl-entraturi principali tal-iskola Primarja Pembroke, wiehed fl-entratura ta' quddiem, u iehor fil-vicinanzi tal-ground tal-futbol fejn qeghdin jingemghu numru ta' fliexken tal-plastik. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandhom jigu nfurmati Swieqi United dwar dan. Finalment ippropona wkoll li jigu ordnati 3 bins ohra u jitwahhlu fi Triq Falaise fl-akwati ta' bejn il-Luxol FC u l-iskola Sekondarja, fi Triq Alamein bejn St. Michael School u l-STC u fi Triq Normandy.

6.62. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5477/13/I** 07/10/2013 Email minghand il-Pulizija fejn staqsew jekk nixtiequx laqgha mas-sezzjoni ta' drogi ghax-xahar ta' Ottubru.

6.64. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5477/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jarax il-htiega ta' din il-laqgha.

6.65. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5553/13/I** 09/10/2013 Email minghand Dr. Anthony Cassar fejn b'referenza ghall-iskrittura li ghandu fuq Pembroke Barracks qed jitolbu l-hlas €2,500 u nforma lill-Kunsill li x-xewqa tal-familja tieghu hi li din tibqa' Malta.

6.67. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5553/13/I** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-Kunsilliera.

6.68. Wara diskussjoni gie deciz unanimament li dan is-suggett ghandu jigi diskuss fil-prezenza tal-membri kollha tal-Kunsill.

**46/5581/13/I** 09/10/2013 Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill rigward crash barriers fi Triq il-President Anton Buttigieg informa lill-Kunsill li pipe ftit gholi mill-art jaf ikun periklouz u ghaldaqstant qed jissugerixxi sabiex isiru barriers jew bollards.

6.69. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5581/13/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li biex isiru bollards u jservu ghall-iskop, iridu jitwehhlu numru kbir minnhom u vicin xulxin biex ma jghaddux karozzi bejniethom, b’konsegwenza li jkerhu l-ambjent. Il-kelliem qal li crash barrier tghin ukoll biex inaqqas il-problema ta’ parkegg hazin, ghalhekk il-kelliem ippropona li din ghandha tigi ordnata.

6.70. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5586/13/I** 09/10/2013 Email minghand il-Kunsillier Mark Causon fejn baghat ritratt ta' karozza abbandunata bi numru KBM934 vicin in-nicca tal-Madonna u staqsa x'ser jigri fuq il-yachts ta' Triq Gabriele Henin.

6.72. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5586/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li f’dan l-istadju inizjali tat-thaddim tas-sistema ta’ gbir ta’ vetturi, il-Kunsill ghandu jqis sew il-passi tieghu u ghandu jibda primarjament mill-vetturi li qeghdin jiehdu spazji ta’ parkegg minghajr ma jkollhom licenzja valida ghat-triq.

6.73. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew kien inbeda process fejn minn 6 vetturi / oggetti, vettura, mutur u caravan kienu tnehhew minn sidhom u issa fadal karozza f’Sit A u van u caravan fi Triq Emanuel Decelis. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li dwar il-karozza f’Sit A, il-Kunsill issa gie nfurmat mill-Pulizija li dawn m’ghandhomx gurisdizzjoni fuq is-sit filwaqt li l-van u possibilment caravan, sidhom jinsab fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Fid-dawl ta’ dan is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien ta’ l-opinjoni li mhux ghaqli li l-Kunsill jiehu azzjoni ladarba m’hemmx l-appogg tal-Korp tal-Pulizija.

6.74. Fid-dawl ta’ dan is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jagixxi wara li jkun hemm l-appogg u l-approvazzjoni tal-Korp tal-Pulizija.

6.75. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.76. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5607/13/I** 10/10/2013 Email minghand Mater Dei Hospital fejn informaw lill-Kunsill b’sessjonijiet dwar basic first aid li jixtiequ jaghmlu gewwa l-Kunsill Lokali ghall-prezz ta' €100 kull sessjoni, fejn huma ser jikkaverjaw l-ispejjez ta' leaflets u l-prezentazzjonijiet. (One session €100 – max 20 persons)

6.77. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5607/13/I** is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jorganizza din l-attivita’.

6.78. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.79. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5608/13/I** 10/10/2013 Email mill-iskola tal-Verdala fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jisselfu 8 barriers bejn il-Hamis 24 u t-Tnejn 28 ta' Ottubru 2013.

6.80. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5608/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghat-talba tal-Verdala International School.

6.81. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.82. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5610/13/I** 10/10/2013 Email mill-MEPA fejn baghtu lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp fejn fosthom hemm PA/02879/13 fi Triq Gio. Felice Inglott, fejn l-okkupant qed jitlob bidla fl-uzu ta' parti mill-basement għall-klassi 4

(shopping online), inkluż l-installazzjoni ta' pannelli fl-ewwel sular.

6.83. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5610/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona l’issir laqgha nformali mar-resident koncernat sabiex il-Kunsill jara x’kellu f’mohhu ezatt halli jekk huwa previst li ser jigi milqut it-tmexxija tat-traffiku, il-Kunsill ikun ippreparat u dak li jista’ jsir ikun jista’ jsir qabel, ghalkemm irrimarka li ma jimmaginax li ser ikun hemm bzonn.

6.84. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5618/13/I** 11/10/2013 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu kopja ta' email li rcievew minghand is-Segretarju Parlamentari ghall-Presidenza UE 2017 rigward Med programmes u li dawn is-sejhiet jaghlqu fl-10 ta’ Jannar 2014

6.86. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5618/13/I** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-Kunsillier Mark Causon.

6.87. Il-Kunsillier Mark Causon qal li qed jigbor aktar informazzjoni.

**46/5620/13/I** 11/10/2013 Email minghand is-sur Phillipe Zammit fejn rega’ talab lill-Kunsill sabiex iqassar id-double yellow line li hemm quddiem id-dar tieghu fi Triq Profs Jos. E. Debono minhabba li huwa hafna itwal min-normal.

**46/5642/13/O** 14/10/2013 Email li ntbaghtet lill-Membri tal-Kunsill fejn b'referenza ghall-ilment tas-sur Phil Zammit dwar single yellow line fi Triq Profs Jos. E. Debono, is-Segretarju Ezekuttiv baghat disinn li jista’ jkun ta’ soluzzjoni u talab l-kummenti tal-Kunsilliera.

6.88. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/5620/13/I u 46/5642/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li jsir it-tibdil kif issuggerit fl-email billi ticcaqlaq l-STOP, jitnehhew il-linji sofor li hemm zejda u jsiru l-marki l-ohra li hemm bzonn.

6.89. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5654/13/O** 14/10/2013 Email li ntbaghtet lill-Membri tal-Kunsill fejn gew infurmata li d-dirigenti tal-klabb ta' Pembroke Athleta ressqu talba sabiex fil-parkegg li hemm biswit il-bandli ssir junction box ta' No Parking u xi linji sofor minhabba li qed tigi ostakolata l-entratura tal-klabb.

**46/5705/13/I** 16/10/2013 Email minghand Pembroke Athleta fejn talbu sabiex fil-parkegg li hemm biswit il-bandli jsiru linji sofor ta' No Parking minhabba li qed jostakolaw l-entratura tal-klabb u staqsa jekk il-Kunsill jafx lil xi hadd li jaghmel graffiti b'xejn mal-hajt u talab biex issir platform fil-bajja quddiem it-tarag.

**46/5723/13/I** 16/10/2013 Email minghand Pembroke Athleta fejn b'referenza ghall-email precedenti taghhom, infurmaw lill-Kunsill li huma jixtiequ l’issir platform ta' l-injam fuq il-gebel sabiex l-area fejn ser isir il-bar/restaurant ikun accessibbli ghal min ikun irid jinzel jghum.

6.91. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/5654/13/O, 46/5705/13/I u 46/5723/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li x-xoghol mitlub fir-rigward ta’ linji u junction box isir kif mitlub. Dwar graffiti l-kelliem informa lill-Kunsill li kien sar komunikat mas-Sindku tal-Fgura Dr. Byron Camilleri, li ghandhom xoghol ta’ graffiti ghaddej, fejn infurmana li hemm zewg tipi ta’ zebgha, wahda acrylic u l-ohra spray fejn l-ispiza tal-materjal giethom bejn €500 u €1,000. Dwar il-platform il-kelliem ippropona li l-klabb ghandu

jintalab jipprovdi l-informazzjoni kollha mehtiega dwar permessi ecc, u dan qabel biss it-talba tkun tista' tigi kkunsidrata.

6.92. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.93. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5677/13/I** 15/10/2013 Email minghand il-Vici Sindku Ray Lanzon fejn talab biex fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss tkun diskussa l-materja biex fil-bajja, minn fejn jinzlu ghall-bahar fejn is-sellum tal-hadid issir platform tal-hadid u tal-injam sabiex in-nies ikunu jistghu jghaddu minn fuqha.

6.94. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5677/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li dwar dan diga kienet saret email lid-Dipartiment koncernat.

**46/5687/13/I** 15/10/2013 Email minghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn b'referenza ghat-talba tal-Kunsill dwar l-uzu ta' l-arkati biswit il-Kunsill talbu sabiex il-Kunsill jibghat l-applikazzjoni lid-Dipartiment sabiex jinhareg ftehim gdid.

6.95. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5687/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill japprova l'issir talba ghal devoluzzjoni ta' l-arkati li hemm biswit l-art li l-Kunsill ghandu mikrija minghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet u dan sabiex jintuzaw bhala store u arkivji.

6.96. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.97. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5733/13/I** 17/10/2013 Ittra minghand id-Dipartiment ghar-Regolazzjoni Veterinarja u Sahha tal-Pjanti jinforma lill-Kunsill li ghadu ma rceviex ir-rapport ta' Bexx ta' Sigar tal-Palm u ghalhekk il-Kunsill qed jigi mwissi li jista' jigi mmultat.

6.98. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5733/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-CM kien gie mitlub jikkompila dan ir-rapport.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li nhar l-Erbgha 13 ta' Novembru 2013, il-Kunsill jorganizza attivita' bl-ghajnuna ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke billi jsir coffee morning Danish Village ghall-prezz ta' €6.00 il-persuna.

8.02. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.04. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona attivita' ghat-tfal ta' l-iskola biex fi zmien il-Milied jippreparaw christmas decorations biex jitwahhlu ma' Christmas tree li ser ihawwel il-Kunsill u wara ssir attivita' fil-parkegg tal-Kunsill. Ippropona wkoll l'issir laqgha ma' l-iskejjel koncernata dwar dan.

8.05. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

8.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. B'referenza ghad-diskussjoni li saret fil-gimghat li ghaddew biex plakka kommemorattiva li hemm imwahhla ma' l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill li tikkomemora l-ewwel Kunsill, tinqala' u titpogga f'post aktar prominenti, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab direzzjoni minghand il-membri tal-Kunsill fejn jixtieqw li titpogga.

12.02. Wara diskussjoni, is-Sindku Dean Hili ppropona li din ghandha tibqa' fejn hija minhabba li tinsab fil-post idejali li jikkomemora fejn kien il-bieb originali tal-Kunsill.

12.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk huwiex possibbli li l-Kunsill jordna stickers dwar tabelli ta' No Parking biex jintuzaw mir-residenti meta japplikaw ghall-permessi ta' krejnijiet u/jew skips.

12.06. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet ghall-provvista ta' dawn l-istickers ta' qies A4 bi kwantitajiet ta' 100, 200 u/jew 500.

12.07. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien dahal ilment partikulari dwar il-parkegg li qed ikun hemm fl-awkati tal-Museum fil-hinijiet tas-6.00pm.

12.10. Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob lir-Regjun biex tizdied ir-ronda tal-gwardjani lokali.

12.11. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13. Is-Sindku Dean Hili ssuggerixxa biex il-Kunsill jorganizza kompetizzjoni ambjentali ma' l-iskola primarja ta' Pembroke fejn il-Kunsill jipprovdi z-zerriegha u ghal kull xitla / sigra li jkabbru l-iskola, il-Kunsill jixtri lura dawn il-pjanti ghall-prezz ta' €1, liema flus ghandhom jintuzaw mill-iskola biex jinxtraw kotba ghall-librerija li jigu pprezentati f'Jum il-Premjazzjoni. B'hekk it-tfal ikunu kkontribuxxew ukoll ghal dan il-ghan. Il-kelliem qal li dan il-progett isehh biss jekk ikun approvat ukoll mill-Kap ta' l-Iskola.

12.14. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

12.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.16. Il-Kunsillier Mark Causon irrakkomanda li l-kuntrattur Philip Seguna ghandu jwahhal stickers dicenti ma' l-iskips biex jitghattew l-ispray li hemm maghhom.

12.17. Fuq talba tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-laqghat tal-Kunsill, meta jkun possibbli ghandhom jibdew isiru nhar ta' Tlieta minhabba mpenji ohra li qalet li ser jibda jkollha nhar ta' Erbgha.

12.18. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.20. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li titnehha l-planter li hemm fil-kantuniera ta' Triq Dun Amabile Sisner kantuniera ma' Triq il-Mediterran. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

12.21. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.23. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-ghada l-Erbgha 23 ta' Ottubru ser issir laqgha ohra mar-residenti koncernata mill-izvilupp tas-sit ta' Villa Rosa. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill kien talab lil dawk li kienu attendew sabiex ifornu lill-Kunsill l-informazzjoni kollha li ghandhom sabiex il-Kunsill ikun f'pozizzjoni li jkun jista' jikkumenta fuq il-progett propost, ghalkemm il-progett ma jinsabx fil-konfini tal-lokal.

12.24. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fl-10.25pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2013 fil-5.30pm u l-ahhar wahda ghas-sena 2013 ssir nhar it-Tlieta 17 ta' Dicembru 2013.

| | |
|---|---|
| Dean Hili | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |